Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 18

Data tal-laqgħa: 23 ta' Lulju 2020

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Dr Angelo Micallef – Viċi Sindku
Stephen Gatt – Kunsillier
Mary Louise Briffa – Kunsillier
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku, in-Nutar Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 18.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

18.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 18.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

18.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti ta' Laqgħa Nru. 17. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

18.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef, li kien issekondat mill-Kunsillier Stephen Gatt, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 18.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

18.3.1.1 <u>Para 17.11 – Wied Ħal Balzan</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill bir-risposta ta' IM u WSC wara li l-Kunsill kiteb lill-Ministru biex jinfurmah bil-problema tad-drenaġġ li qed ifur meta tagħmel ix-xita.

18.3.1.2 WSC ikkonfermaw li l-problema oriġinarjament kienet aktar 'il fuq viċin iċ-Ċimiterju ta' Ħal Lija u li issa qed tinħass fiż-żona indikata. WSC qed jaħdmu fuq pjan biex tittaffa din il-problema u qed jittamaw li, flimkien mal-IM, isolvu din il-problema darba għal dejjem.

**F'dan il-ħin (4.04pm) daħlet il-Kunsillier Mary Louise Briffa għal-laqgħa.**

18.3.1.3 Peress li WSC ikkonfermaw li l-problema ġejja min-naħa tagħhom, il-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef issuġġerixxa li nitolbu lill-WSC sabiex jistabbilixxu x'hemm bżonn li jsir u l-ispiża. Dan sabiex kif ikun hemm konferma, il-Kunsill ikun jista' jagħmel pressjoni mal-Gvern Ċentrali biex isir ix-xogħol meħtieġ. Il-Kunsill qabel. Ser inżommu lill-Ministru Dr Ian Borg u Dr Michael Farrugia kkuppjati fil-korrispondenza.

18.3.2 <u>Para 17.14.1 - Taħrika ta' Xhud – Triq it-Tliet Knejjes</u>
Is-SE qalet li l-avukat tal-Kunsill qed tinforma li, la darba jkunu diġà nħarġu l-akkużi, huwa diffiċli li wieħed jaqbad u jdaħħal nota. Infurmat li l-aħjar ħaġa li ssir hi l-Kunsill jidher il-qorti fid-data stabbilita u ninfurmaw lill-Maġistrat li m'għadx hemm interess peress li l-kwistjoni ssolviet.

## 18.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

18.4.1 <u>Laqgħa ma' uffiċjali tal-LESA</u>
Is-Sindku infurma lill-Kunsill, bil-laqgħa li saret dalgħodu ma' uffiċjali tal-LESA u s-SE. F'din il-laqgħa ġew diskussi numru ta' suġġetti fosthom it-talba tal-Kunsill biex jiġu installati numru ta' *speed cameras* fil-lokalità. Il-Kunsill ġie nfurmat li ser tiġi ntrodotta sistema ta' infurzar b'*hand held speed guns.* B'dan il-mod l-uffiċjali jistgħu jiġu stazzjonati f'diversi postijiet.

18.4.1.2 F'din il-laqgħa l-Kunsill ġie infurmat li fil-futur qarib ser jiġu ngaġġati uffiċjali ġodda li ser ikunu qed jitqassmu madwar il-lokalitajiet. Apparti minn hekk ġejna nfurmati li qed ikun hawn *eco-wardens* iduru fil-lokalità. Is-Sindku infurma li talab sabiex il-Kunsill jibda jiġi aġġornat bin-numru ta' ċitazzjonijiet li jkun ħarġu fil-lokalità.

18.4.1.3 Is-Sindku infurma li l-LESA ser ikunu qed jintroduċu l-kunċett ta' *patroling.* Dwar dan is-Sindku ser ikun qed jinfurma lill-pulizija fil-laqgħa ta' kull xahar li se ssir għada, biex ikun hemm koordinament bejniethom biex ma jkunx hemm *overlapping* ta' xogħol.

18.4.2.1 <u>Żbir u tisqija</u>
Is-Sindku talab biex jinżabru s-siġar li hemm f'Wied Ħal Balzan k/m Triq Sir Antonio Micallef għax qed jgħattu t-tabelli tan-*No Entry*.

18.4.2.2 Is-Sindku infurma li hemm bżonn li ssir tisqija fir-*roundabout* ta' Triq l-Għerusija.

18.4.3 <u>Bankina quddiem Kola Store</u>
Is-Sindku qal li l-Perit infurmana li 99.9% il-bankina ma tistax tidjieq biex jinħoloq spazju għall-parkeġġ għax din kienet saret hekk minħabba *safet*y. Il-Perit ser ikun qed jiċċekkja dwar jekk tistax issir mod ieħor.

18.4.4 <u>*Traffic Island* f'Wied Ħal Balzan k/m Triq il-Kbira</u>
It-talba tal-Kunsill biex titneħħa t-*traffic island* u minflok issir konka b'siġra żgħira ġiet approvata minn TM però għadna qed nistennew l-approvazzjoni ta' IM peress li għadha kemm saret it-triq.

## 18.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

18.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 18.6 L-Ittra ta' Direzzjoni 2019 u r-Risposta tal-Kunsill

18.6.1 Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill l-Ittra ta' Direzzjoni li waslet fis-26 ta' Ġunju 2020 (li ġġib id-data tat-28 ta' April 2020) u r-risposta ssuġġerita tal-Kunsill li ġġib id-data tat-23 ta' Lulju 2020. Kopja ta' dawn ingħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

18.6.2 Fuq proposta tal-Kunsillier Mary Louise Briffa, li kienet sekondata mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, ir-risposta għall-Ittra ta' Direzzjoni ġiet approvata unanimament. Din ser tintbagħat lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, lill-Awditur Ġenerali u lill-Udituri tal-Gvern Lokali.

## 18.7 Rapporti

18.7.1 <u>Rapport Finanzjarju għat-tieni kwart minn Jannar sa Ġunju 2020</u>
Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għat-tieni kwart minn Jannar sa Ġunju 2020. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is-SE tat xi spjegazzjonijiet u rrispondiet xi mistoqsijiet li kellhom il-Kunsilliera.

18.7.2 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef, li kien issekondat mill-Kunsillier Stephen Gatt, dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

## 18.8 Vakanza ta' Skrivan (Skala 15 – *full-time*)

18.8.1 Is-SE infurmat li wara li nħarġet l-approvazzjoni mid-DGL, fl-24 ta' Ġunju 2020 inħarġet sejħa b'mod intern fl-uffiċċju. Għal din is-sejħa, li għalqet fid-9 ta' Lulju 2020, ma kien hemm l-ebda applikazzjoni. Fl-10 ta' Lulju 2020 l-istess sejħa inħarġet internament fil-Kunsilli Lokali u Reġjonali. Din is-sejħa tagħlaq fl-24 ta' Lulju 2020 u sal-lum il-Kunsill ma rċieva l-ebda applikazzjoni. Is-SE spjegat li jekk ħadd ma japplika sad-data tal-għeluq, il-pass li jmiss ikun li jiġu nfurmati l-Jobsplus sabiex jibgħatu l-lista tal-applikanti li huma reġistrati *Part* 1.

18.8.2 Is-Sindku n-Nutar Ian Spiteri, il-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef, il-Kunsilliera Mary Louise Briffa u Dr Oliver Nicholas De Gaetano, flimkien mas-SE, ġew maħtura bħala l-membri fil-bord tal-Għażla. Il-Kunsillier Stephen Gatt ser ikun membru sostitut f'każ li xi ħadd mill-membri l-oħra jkun indispost.

## 18.9 Jum Ħal Balzan

18.9.1 Dwar Ġieħ Ħal Balzan, il-Kunsill iddiskuta dwar jekk din is-sena il-premju jingħatax lill-persuni li taw is-sehem tagħhom fil-pandemija (bħal tobba, infermiera, pulizija, etc).

18.9.2 Is-SE infurmat lis-sena l-oħra l-Kunsill kien qabel li minn din is-sena jiġu emendati r-regolamenti għal Premju Ġieħ Ħal Balzan sabiex tiżdied kategorija biex jingħata Ġieħ lill-eks-Kunsilliera. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għal din is-sena nħallu r-regolamenti preċedenti u għalhekk ir-regolamenti l-ġodda ma ġewx approvati.

18.9.3 Is-SE talbet lill-Kunsilliera biex iressqu n-nominazzjonijiet tagħhom għat-tliet kategoriji, sa mhux aktar tard minn ġurnata qabel il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

18.9.4 Dwar id-data ta' meta ser jiġi ċċelebrat Jum Ħal Balzan, qed jiġi ppjanat lejn l-aħħar ta' Ottubru 2020, però din tiġi deċiża aktar 'il quddiem, skond kif tkun is-sitwazzjoni tal-COVID-19.

## 18.10 *Slow Street Project*

18.10.1 Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-risposta tal-President tal-AKL fuq dan il-proġett.

18.10.2 Il-Kunsill iddiskuta u unanimament approva li ma jipparteċipax f'dan il-proġett minħabba l-ispiża eċċessiva (€3,000 VAT eskluż), li l-Kunsill ma jiflaħx għaliha.

## 18.11 *One-Way System* fi Triq Ġuże' Bonnici u toroq tal-madwar

18.11.1 Is-SE infurmat lill-Kunsill li kitbet lill-TM dwar il-proposta tat-*traffic lights* u għadha qed tistenna risposta. Is-SE ser tibgħat *reminder* lill-TM.

## 18.12 Attivitajiet għal żmien il-Milied

18.12.1 Il-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef infurma lill-Kunsill li fil-laqgħa tar-Reġjun li saret il-bieraħ, ġiet approvata skema għal għajnuna finanzjarja (€3,000 kull Kunsill) biex jintużaw speċifikament għall-armar tal-Milied. Dan l-ammont nistgħu inżiduh ma' parti mill-budget li alloka l-Kunsill għad-dwal tal-Milied.

18.12.2 Il-Kunsill iddiskuta u approva li nġiebu kwotazzjonijiet biex jintrama dawl dekorattiv f'dawn it-toroq:

- Wied Ħal Balzan
- Triq il-Kbira (bejn Costa Coffee u Pjazza Bertu Fenech)
- Triq il-Kannizzata (bejn Triq Birbal u Triq Patri Ġuże' Delia)
- Triq San Franġisk (bejn Triq it-Tabib J Zammit u Triq Patri Ġuże' Delia)
- Vjal il-Bon Pastur (bejn Triq Birbal u Triq il-Ferrovija l-Qadima)
- Vjal Sir Michaelangelo Refalo (bejn Triq Birbal u Triq il-Ferrovija l-Qadima)

Apparti minn hekk ser inġiebu kwotazzjonijiet ukoll għal siġra imżejna fuq il-bankina maġenb il-knisja u dwal mas-siġar ta' Triq il-Ferrovija l-Qadima. Il-Kunsill jiddeċiedi l'liema toroq se jiġu mżejjna skond l-ispiża.

18.12.3 Dwar l-attività, minħabba s-sitwazzjoni tal-COVID-19, il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li ssir xi ħaġa bażika, il-Ħadd ta' qabel il-Milied, bħal banda ddoqq fil-pjazza. Il-Kunsillier Stephen Gatt issuġġerixxa li jiġu mistiedna xi artisti bħal pitturi.

18.12.4 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-attività tista' ssir però jiddependi mis-sitwazzjoni tal-COVID-19 u t-temp li jinzerta. Kien hemm qbil li għalissa niċċekkjaw mal-baned taż-żewġ każini jekk humiex interessati li jieħdu sehem. Jekk le, il-Kunsill iġib kwotazzjoni ta' banda lokali.

## 18.13 Proġett ta' *Traffic Island* fi Triq il-Qarċilla

18.13.1 Is-Sindku qal li l-Perit infurmah li skond TM *regulations,* jekk il-Kunsill ser japplika għal xi proġett f'din iż-żona, biex jiġi approvat, jew jitneħħa l-*parking* min-naħa waħda biex it-triq tibqa' *two-way,* jew inkella t-triq trid tiġi *one-way,* għax it-triq mhix wiesgħa biżżejjed.

18.13.2 F'dan ir-rigward, il-Kunsill qabel li dan il-proġett ma jsirx.

18.13.3 Is-Sindku ippropona li minflok, isir proġett ta' *embellishment* billi titwessa' l-bankina u jsiru xi *planters /* siġar u l-*parking* jibqa' kif inhu. Il-Kunsill approva. Is-Sindku ser ikun qed jitkellem maż-żewġ residenti ta' fejn qed jiġi ssuġġerit li jsir dan il-proġett.

## 18.14 Tisbiħ tal-*Playing field*

18.14.1 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li l-pjanti tal-proġett kważi ġew finalizzati. Il-proġett ser jinkludi latrina ġdida bi *store* taħt, *outdoor space, outdoor gym, playing field equipment, reading corner* u funtana. Ser ikun hemm ukoll spazju għal magna tal-ilma u spazju ieħor fejn jistgħu jiġu nstallati 1 / 2 *ATM machines*.

18.14.2 Peress li kull bank għandu l-i*specifications* tiegħu għal ATMs, kien hemm qbil li ninfurmaw lill-Lombard, APS, BOV, HSBC, BNF u MED Bank bil-proġett, u jekk huma nteressati li jinstallaw ATM, jibgħatulna l-i*specifications,* flimkien mal-ammont li lesti li jħallsu fix-xahar.

## 18.15 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

18.15.1.1 <u>Komunikazzjoni mir-rappreżentat fil-Kunsill Reġjonali Ċentru</u>
Il-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef infurma li l-Kunsill Reġjonali Ċentru ser ikun qed joħroġ skema finanzjarja sa massimu ta' €10,000 biex tiġi organizzata attività soċjo-kulturali.

18.15.1.2 Is-Sindku ppropona li jsir kunċert (*string musicians* u xi kantant/a) għal żmien il-Milied u wara jkun hemm *drinks* / *high tea*. Il-Kunsill approva li ssir l-attività, ovvjament skond kif tkun is-sitwazzjoni tal-COVID-19. Is-Sindku ser ikun qed jiċċekkja dwar il-possibilità li din l-attività ssir il-Corinthia Palace.

18.15.2.1 <u>Disponiment ta' Assi tal-Kunsill</u>
Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet skeda għall-approvazzjoni tal-Kunsill li turi lista ta' Assi tal-Kunsill li ser jiġi mneħħi minn fuq l-inventarju.

18.15.2.2 Il-Kunsill unanimament iddeċieda li jiddisponi mill-assi li jidhru fuq il-lista annessa (Dok 1) billi jintremew.

18.15.3.1 <u>Kwotazzjonijiet għax-xiri ta' *solar powered zebra lights*</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li talbet lill-tliet kumpaniji għal kwotazzjoni għax-xiri ta' *solar powered zebra lights* għaż-żewġ *zebra crossings* ġodda li se jsiru.

18.15.3.2 Il-Kunsill unanimament approva l-unika offerta li waslet ta' Smart Lights Systems Co Ltd.

18.15.3.3 Il-Kunsill approva wkoll li din l-ispiża, flimkien mal-ispiża biex jiġu rranġati l-bankini biex isiru dawn iż-*zebra crossings*, jiġu ffinanzjati mill-fondi tar-Reġjun tal-*LES Surplus*.

18.15.4.1 <u>*LC Care Project Grant Scheme* - SPI/SCI/09/2019</u>
<u>Kwotazzjonijiet għal *neutering* ta' *stray cats*</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li talbet lill-tliet veterinarji għal kwotazzjoni għal *neutering* ta' *stray cats*. Il-Kunsill unanimament approva l-unika offerta li waslet ta' Pets & Vets Veterinery Clinic.

18.15.4.2 <u>Kwotazzjonijiet għax-xiri ta' *cat shelters*</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li talbet lill-tliet kumpaniji għal kwotazzjoni għax-xiri ta' 2 *cat shelters* tal-injam. Il-Kunsill unanimament approva t-tieni l-irħas offerta (Borg Cardona & Co Ltd) peress li l-irħas offerta hija iżgħar minn dak rikjest.

18.15.4.3 <u>Kwotazzjonijiet għax-xiri ta' *cat traps* u *recovery cages*</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li talbet lill-tliet kumpaniji għal kwotazzjoni għax-xiri ta' 4 *cat traps* u 4 *recovery cages*. Il-Kunsill approva l-irħas offerta ta' *cat traps* u l-irħas offerta ta' *recovery cages* (it-tieni l-akbar qis) mingħand Borg Cardona & Co Ltd.

18.15.5 <u>*LC Care Project Grant Scheme* 2020</u>
Is-SE infurmat li daħħlet l-applikazzjoni għal din l-iskema. Kif kien maqbul mill-Kunsilliera permezz tal-*email*, din is-sena l-Kunsill applika għas-servizz ta' veterinarju u medikazzjoni (€2,000), ikel għal *stray cats* (€2,000) u kampanja edukattiva (€500).

18.15.6.1 <u>Ilmenti fuq imwejjed u siġġijiet fl-isqaq ta' Triq Dun Spir Sammut</u>
Il-Kunsillier Stephen Gatt infurma lill-Kunsill li xi nies qed jilmentaw minħabba l-ammont ta' imwejjed u siġġijiet li qed jinħarġu minn Fra Giuseppe fl-isqaq. Ilmentaw ukoll peress li ġew imressqa xi *planters* minn Triq l-Annunzjata għal ġo l-isqaq.

18.15.6.2 Is-Sindku rrimarka li dawn il-*planters* kienu ilhom 7 snin vojta u abbandunati. Issa qed jilmentaw, għax tressqu kantuniera bogħod, tħawlu pjanti ġodda fihom u qed jieħdu ħsiebhom.

18.15.6.3 Ġie rrapurtat ukoll li qed ikun hemm muturi pparkjati fuq il-bankina li qed jostakolaw l-aċċess. Dwar dan, ser ninfurmaw lill-LESA u l-pulizija biex isir infurzar.

**F'dan il-ħin (6.05pm) ġiet sospiża l-laqgħa għal ftit minuti. Il-laqgħa tkompliet fil-6.10pm.**

18.15.6.4 Il-Kunsill iddiskuta u approva li dawn il-*planters* jibqgħu fl-isqaq għax tal-inqas qed jieħdu ħsiebhom. Ġie rrimarkat li dawn ma ġewx misruqa (kif kien qed jiġi allegat fuq Facebook) imma ġew imressqa mingħajr il-permess tal-Kunsill. Ġie rrimarkat ukoll li għal darb'oħra kellu jintalab il-permess tal-Kunsill qabel jitressqu.

18.15.6.5 Peress li qed jitolbu aktar *planters* fi Triq l-Annunzjata, se jiġi ċċekkjat jekk jistgħux jiġu rilokati 2 *planters* minn Triq B. Bontadini jew inkella nixtru 2 ġodda. Sadanittant ser inġibu kwotazzjonijiet ta' *planters* ġodda.

18.15.6.6 Dwar l-imwejjed u s-siġġijiet, il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li jinħarġu diment li jitħalla aċċess ta' 1.2m għan-nies.

18.15.7.1 <u>Talba biex jitpoġġa *tower crane* quddiem Smugglers fi Triq il-Kbira</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li waslet talba biex jitpoġġa *tower crane* u ssir *un/loading bay* (sakemm titlesta l-binja) quddiem Smugglers, Triq il-Kbira.

18.15.7.2 Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li jitpoġġa t-*tower crane*. L-*un/loading bay* ma ġietx approvata u l-kuntrattur għandu jitlob għal permess tan-*No parking* meta jkollu bżonn il-post vojt.

18.15.8 <u>Permessi fi Triq iz-Zekkuk</u>
Ġie nnutat ilment dwar permessi fi Triq iz-Zekkuk. Kif kien maqbul mill-Kunsilliera permezz ta' *email,* permessi f'din it-triq jitħallew mit-8.30am 'il quddiem għax fid-9.00am huwa tard speċjalment fil-ġranet tas-sajf.

18.15.9 <u>Talba biex jitneħħew il-*Bring-in-Site bins* minn Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina</u>
Resident qed jitlob li jitneħħew *Bring-in-Site bins* minn Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina minħabba l-ħmieġ li jkun hemm. Ġie nnutat lis-sitwazzjoni tjiebet u ż-żona qed tiġi mnaddfa kontinwament u għalhekk din it-talba ma ġietx approvata.

18.15.10.1 <u>Talba għall-għajnuna tal-KL waqt Laqgħat Pubbliċi Virtwali Onlajn fuq Konsultazzjonijiet Pubbliċi</u>
Ġiet innutata *email* mibgħuta mill-ERA fejn qed jitolbu l-għajnuna tal-KL sabiex joffru aċċess lill-persuni li jixtiequ jipparteċipaw f'dawn il-laqgħat pubbliċi, billi joffru faċilità f'post adegwat immexxi mill-Kunsill stess. Waqt dawn il-laqgħat pubbliċi, il-Kunsilli jkunu mistennija li jipprovdu l-ipproġettar fuq skrin jew kompjuter tal-laqgħa li tkun għaddejja onlajn, fejn dawk preżenti jkunu jistgħu jsegwu l-laqgħa, kif ukoll l-għajnuna ta' uffiċjal li jkun jista' jieħu l-mistoqsijiet mingħand il-parteċipanti u jgħadduhom onlajn lill-medjatur li jkun qed imexxi l-laqgħa pubblika.

10.15.10.2 Ġie rrimarkat li l-Kunsill m'għandux post fejn jospita dawn il-laqgħat.

18.15.11.1 <u>*Active Ageing Sessions*</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-*Active Ageing and Community Care* spezzjonaw is-sala tal-Kunsill Lokali Iklin fejn qed jiġi propost li jsiru dawn is-sessjonijiet. Qed jitolbu li jsiru numru tal-alterazzjonijiet strutturali fosthom biex ċertu żoni jkunu aċċessibbli b'*wheelchair.*

18.15.11.2 Il-Kunsill Lokali Iklin qed jaħdmu fuq il-pjanti għal dawn l-alterazzjonijiet biex ikunu jistgħu iġibu kwotazzjonijiet tax-xogħol meħtieġ għall-approvazzjoni tal-istess Kunsill.

18.15.12.1 <u>Attivitajiet kulturali fit-toroq ta' Ħal Balzan</u>
Il-Kunsill preċedenti kien ħa deċiżjoni li kull għaqda f'Ħal Balzan tista' tagħmel attività waħda biss fis-sena li tagħlaq triq għat-traffiku. Qed jiġi ssuġġerit li titneħħa din il-limitazzjoni.

18.15.12.2 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jżomm il-*policy* li kull għaqda tista' tagħlaq triq minħabba xi attività darba fis-sena, bi spazju għal eċċezzjonijiet għad-diskrezzjoni tal-Kunsill.

## 18.16 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

18.16.1 Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti nru. 07/20, li tinkludi l-ammont ta' €50.50c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Ġunju 2020.

18.16.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef, li kien issekondat mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

18.16.3 Minħabba kunflitt ta' interess dirett, il-Kunsillier Mary Louise Briffa assentat ruħha mill-approvazzjoni tal-pagament taċ-ċekk nru. 9951 peress li, hi flimkien mar-raġel tagħha huma l-propjetarji l-uffiċċju tal-Kunsill.

## 18.17 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

18.17.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.35pm.

18.1.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ħamis, 27 ta' Awwissu 2020 fl-4.00pm.

Konfermati, illum il-Ħamis, 27 ta' Awwissu 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Nutar Ian Spiteri<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |

Ħal Balzan Local Council

| List of Council Assets to be disposed of as Approved at Council Meeting No. 18 of 23rd July 2020 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| **Description** | **Description** | **Condition / Remarks** | **Date Purchased** | **Purchase Price** |
| | | | | |
| O00002 (FFF00003) | Swivel chairs (2) | The upholstery fabric is damaged. New ones were purchased. | 05/06/2014 | €314.51 |

**SIGNED**

___________________
Not. Ian Spiteri
Mayor

**SIGNED**

___________________
Doriette Farrugia
Executive Secretary

Date: 23rd July 2020